

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2022 – CEDC International vs EUIPO – Underberg (Forma ta' werqa ta' ħaxixa fi flixxun)****(Kawża T-145/22)**

(2022/C 198/80)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* CEDC International sp. z o.o. (Oborniki Wielkopolskie, il-Polonja) (rappreżentant: M. Fijałkowski, radca prawny)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Underberg AG (Dietlikon, l-Isvizzera)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea (Forma ta' werqa ta' ħaxixa fi flixxun) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 33 266

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Diċembru 2021 fil-Każ R 1954/2020-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata parzjalment fir-rigward tar-raġunijiet għal oppożizzjoni taħt l-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 207/2009;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż inkorsi mir-rikorrent fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Bord tal-Appell.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikoli 94(1) u 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'konnessjoni mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2022 – Ryanair vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-146/22)**

(2022/C 198/81)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F.-C. Laprèvote, V. Blanc, D. Pérez de Lamo u S. Rating, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea